MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1250/2002/1

**Yellow Pages (Malta) Limited**

**Vs**

**Engineering & Technology Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li bih s-socjeta’ attrici talbet il-hlas ta’ Lm600.90 (sitt mitt lira Maltin u disghin centezmu) rappresentanti bilanc ta’ prezz akbar fuq servizz ta’ reklamar stampat u pubblikat li gie debitament rez lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici. Bl-ispejjez u bl-imghax kif indikat fl-istess avviz.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta fis-sens li mhux dovut l-ammont kollu lis-socjeta’ attrici ghaliex meta giet moghtija l-ordni lill-atturi, d-direttorju kien jigi pubblikat kull sentejn. Ad insaputa tal-konvenuti beda jigi pubblikat kull

sena. L-ftehim vigenti bejn il-partijiet ma kienx applikabbli ghal din l-eventwalita'.

Illi ra li fis-16 ta' Settembru 2002 l-kawza giet differita ghal provi kollha tal-partijiet.

Ra li fis-6 ta' Novembru 2002 xehed Jason Lee Gafa ghas-socjeta' attrici li spjega li fil-mori tal-kawza s-socjeta' konvenuta ghamlet pagament akkont ta' Lm200 (mitejn lira Maltin). Ghalhekk it-talba attrici giet ridotta ghal ammont ta' Lm400.90 (erba' mitt lira Maltin u disghin centezmu) (ara nota tas-socjeta' attrici).
Jason Lee Gafa spjega li l-booking sar ghas-sena 1999 u d-direttorju sussegwenti hareg fil-2001. Ir-rappresentant tas-socjeta' attrici esebixxa wkoll dokument iffirmat minn rappresentant tas-socjeta' konvenuta in konnessjoni ma' "payment scheme".

Illi s-socjeta' konvenuta naqset li tipprezenta xhieda u naqset tissostantja l-allegazzjoni taghha.

Illi fid-dawl tal-provi prodotti t-talba attrici tidher gustifikata u ghalhekk it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet u jilqa t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas Lm400.90 (erba' mitt lira Maltin u dishgin centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax legali.

--------------------------------TMIEM--------------------------------